# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 80/7

It-Tnejn 23 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

NIL

ASSENTI

NIL

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

80.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (76/7 [12/12/16], 77/7 [15/12/16] u 78/7 [20/12/16])

80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

80.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

80.5 Rapporti;

80.6 Estimi Finanzjarji 2017

80.7 Rapport Amministrattiv 2016, Pjan ta' Ħidma u materjal ieħor relatat mal-laqgħa pubblika

80.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

80.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

----------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Din il-laqgħa kienet laqgħa ta' tkomplija tal-laqgħa tal-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 (79/7) li kellha tiġi aġġornata peress li kien hemm il-laqgħa pubblika annwali li kienet imsejħa li tibda fis-7.00pm.

Fil-laqgħa tal-20 ta' Jannar 2017 kien hemm qbil unanimu li t-termini tal-avviż tal-laqgħa kellu jiġi sorvolat għaliex dan sar bil-kunsens u approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha preżenti.

Din il-laqgħa kompliet fuq u skont l-aġenda tal-laqgħa numru 79/7 tal-20 ta' Jannar 2017.

## 80.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

80.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija peress li kulħadd kien preżenti.

## 80.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (76/7 [12/12/16], 77/7 [15/12/16] u 78/7 [20/12/16])

80.2.1 Din it-tema ġiet eżawrita waqt il-laqgħa tal-20 ta' Jannar 2017.

## 80.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

80.3.1 Is-Sindku kien diġà għamel il-komunikazzjoni tiegħu waqt il-laqgħa tal-20 ta' Jannar 2017

80.3.2 Qlugħ ta' lampa minn bini li sejjer jitwaqqa' parzjalment u jitilgħu sulari oħra f'dan is-sit. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba sabiex jaġixxi biex iressaq din il-lampa temporanja għal post ieħor sakemm jitlesta dan il-post u b'hekk din il-lampa terġa'

titwaħħal lura fil-post fejn kienet qabel. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-kuntrattur sabiex jara l-aħjar mezz li jsir dak mitlub sabiex ikompli l-iżvilupp fuq il-bini bil-patt u l-kundizzjoni li din il-lampa terġa' titwaħħal lura fil-post fejn kienet kif appena jitlesta l-bini.

80.3.3 *Performance* bonus lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u liż-żewġ uffiċjali tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jingħata l-*performance* massimu ta' 10% lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li għandu jiġi wkoll approvat mid-Direttur tal-Gvern Lokali u ta' 6% lil kull uffiċjal impjegat mal-Kunsill.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu dak li ppropona s-Sindku dwar il-*performance* bonus għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv u liż-żewġ uffiċjali tal-Kunsill.

80.3.4 Xogħol ta' *patching*. Is-Sindku qal li sar diversi xogħlijiet ta' *patching* fil-Gudja u kien qed jispiċċa xogħol ta' *patching* fi Triq Victor Pasmore.

Xogħol ieħor ta' *patching* huwa maħsub dwar Triq Joseph Pace, Triq Filippu Castagna u Triq Bur Ġlat fl-inħawi tal-wied tal-ġibjuni.

80.3.5 Xogħol sabiex ikun hemm aċċess aħjar f'diversi trejqiet madwar il-Gudja. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jfittex fondi sabiex diversi trejqiet jiġu aċċessibbli aħjar. Il-Kunsill qabel li dawn it-toroq u trejqiet hawn taħt imsemmija jiġu elenkati sabiex jiġu konsiderati bi pjan ta' ħidma u bil-possibilità li jinkisbu fondi minn diversi skemi u fondi Ewropej.

Triq Bur Glat – non urban, ħdejn il-ġibjun
Triq Birżebbuġa – fin-naħa t'isfel li tieħu għal Ħas-Saptan
Triq tal-Lampat – min-naħa ta' Triq Ħal Tarxien
Toroq ta' ħdejn l-inħawi Ta' Loreto
Trejqa l-Imdina (kif kienet magħrufa sa żmien ilu) fl-inħawi tal-katakombi ta' Ħal Resqun
L-inħawi tal-Għoljiet
Triq Victor Pasmore
Triq Bur Ġlat sa ħdejn tal-Lampat (fuq in-naħa ta' Triq Ħal Tarxien faċċata taċ-ċimiterju tal-Gudja)

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-perit appuntat mill-Kunsill u jkollu l-inkarigu li jitlob *survey* ta' kull triq/trejqa msemmija u jagħmel pjanti meħtieġa. Il-perit għandu jagħmel stimi relattivi u jagħti pariri neċessarji dwar x'materjal għandu jintuża sabiex jiġi rrispettat l-ambjent speċjalment dak rurali.

## 80.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

80.4.1 *Toilets* fil-Librerija G. Zammit. Is-Sur Baldacchino staqsa f'hiex wasal dan il-proġett. Is-Sindku qal li sa issa nkiseb il-permess iżda hemm bżonn li jinkisbu stima u jinkseb l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan l-infiq. Is-Sur Baldacchino insista li dan il-proġett għandu jimxi 'l quddiem għax huwa utli u meħtieġ.

80.4.2 Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar użu ta' kmamar tal-LLL. Is-Sur Baldacchino staqsa fejn jinsab il-ftehim dwar li l-Kunsill jikseb l-użu ta' żewġ kmamar li preżentament jinsabu mimlija imbarazz fl-iskola primarja tal-

Gudja. Is-Sindku wieġeb li hemm il-permess tal-PA iżda dan il-ftehim li ġie wkoll imsemmi f'mistoqsija parlamentari numru 28679 peress d-Direttur R. Vella għalkemm stqarret li sejra tara dwar dan diversi drabi, għadha ma weġbitx. Il-Kunsill sejjer ikompli jitlob sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż fl-aħjar interess tal-komunità tal-Gudja.

80.4.3 Xogħol ta' aċċessibilità fil-bini tal-Kunsill 88 Triq R. Caruana. Is-Sur Baldacchino staqsa f'hiex wasal dan ix-xogħol peress li qed ikollu diversi ilmenti mingħand anzjani li ma għadhomx jersqu għand il-Kunsill għal ħtiġijiet tagħhom minħabba nuqqas ta' aċċessibilità akuta.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien għandu qed jistenna l-istimi mingħand il-Perit Spiteri.

Meta jaslu dawn il-Kunsill jeżamina l-vijabilità ta' dan l-investiment kif ukoll il-fondi speċjali li l-Kunsill jista' jikseb sabiex dak li huwa meħtieġ isir mill-aktar fiss possibbli.

F'dan l-istadju tqajjem il-punt li l-Kunsill kiseb arranġament li juża l-post mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija fuq arranġament mal-Gvern Ċentrali (Dipartiment Gvern Lokali u Dipartiment tal-Artijiet).

Dwar it-terminu meta possibbilment tista' tispiċċa l-kirja, il-Kunsill qabel li jikseb kull informazzjoni pertinenti mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u possibbilment jagħmel appuntament mas-CEO il-ġdid dwar l-amministrazzjoni tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafa sabiex tiġi ċċarata kull pożizzjoni u l-Kunsill ikun aktar infurmat dwar id-deċiżjonijiet tiegħu.

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli sabiex inaqqas l-inkonvenjent u jagħti aċċessibilità skont il-bżonn.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill qiegħed għas-servizz tal-pubbliku u jħossu ferm inkwetat meta jisma' li l-pubbliku mhux jersaq lejn il-Kunsill għal ħtiġijiet tiegħu minħabba nuqqas ta' aċċessibilità.

80.4.4 Possibilità ta' uffiċini xierqa u aċċessibbli għall-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sur Sammut ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li fil-Parlament saret mistoqsija (27951) dwar dan u fit-tweġiba kien hemm hekk:

(Ninforma lill-Onor. Interpellant li kienet għaddiet komunikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan fis-sena 2015.

Meta l-Kunsill Lokali tal-Gudja kien intalab jiddentifika postijiet alternattivi fil-Gudja biex iservu bħala uffiċini, il-Kunsill kien wieġeb li fil-Gudja m'hemm l-ebda post tal-Gvern mibni u vakanti li jkun jista' jakkomoda lill-Kunsill.

Il-Kunsill kien tenna li qed jistudja l-possibiltajiet vijabbli li l-bini tal-Kunsill jinbena f'parti minn Ġnien Raymond Caruana, jew inkella jinbena f'parti minn spazju mhux użat fil-ġenb tal-bitħa tal-iskola li jagħti fi Triq San Mark ma' Triq iż-Żebbuġa.

Il-Kunsill kien temm li "meta jkun hemm deċiżjoni finali dwar il-lok, il-Kunsill jgħaddi għand id-Dipartiment sabiex tinkiseb id-devoluzzjoni skont il-proċeduri stabbiliti."

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja wara dan ma għamilx rikjesta għal devoluzzjoni għall-uffiċini.)

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jesplora u jaħdem dwar il-possibilità li tintuża arja fuq in-naħa tal-bitħa tal-iskola li preżentament qisha rokna tal-iskart li hija fuq Triq San Mark ma' Triq iż-Żebbuġa qrib is-*sub station*.

Dan l-ispazju jista' jintuża sabiex il-Kunsill jiżviluppa l-binja amministrattiv fil-faċilità u kull possibilità ta' aċċess.

Il-Kunsill qabel li jaħdem dwar id-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art li fiha jista' jiżviluppa l-bini amministrattiv tiegħu. Dan jeħtieġ proċedura kif stabbilita, preparazzjoni u finanzjament li jista' jinfirex fuq perjodu ta' ftit iżjed minn sentejn.

80.4.5 Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar il-progress ta' dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb li riċentament il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura qed jistenna l-permess tal-PA. Is-Sindku kkonferma wkoll illi l-Kunsill qatt ma qabel u sejjer jaqbel li jidħol responsabbli għal ħlas dwar il-konsum tad-dawl f'dan il-ġnien jew spazji oħra ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li wieħed jista' jaħseb li jinkiseb dawl bis-sistema solari bil-panelli fuq l-iskola u li dwar ġodda għandhom ikunu bis-sistema moderna u effiċjenti.

80.4.6 Sistema ta' *timed parking* ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li bl-iżvilupp maħsub tal-MIA sejjer iżid bil-bosta l-problema li diġà akuta tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li din il-proċedura ta' *timed parking* u l-linji blu li juru dan ġewwa l-Gudja, għalkemm saru taħt il-gwida tat-TM, ma ġewx infurzati peress li jidher lit-TM naqset li tagħmel l-avviż legali dwar dan.

Is-Sur Sammut qal li kienet ħarġet informazzjoni li din il-*policy* ta' *timed parking* kienet sejra tiġi riveduta iżda l-pożizzjoni u l-problema akuta ġewwa l-Gudja baqgħet fil-limbu u mhux solvuta.

Il-parkeġġ ta' karozzi b'reġistrazzjoni Maltija u dik barranija li xi drabi jdumu għal ġimgħat sħaħ, infirxet madwar il-Gudja kollha u mhux biss biswit l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jerġa' jitlob lit-TM sabiex ġewwa l-Gudja titħaddem is-sistema ta' *timed parking* b'mod konvenjenti sabiex ir-residenti tal-Gudja, meta jirritornaw d-dar wara ġurnata xogħol ikunu jistgħu jipparkjaw l-vettura tagħhom ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jagħti xahar żmien dwar dan u fin-nuqqas li l-Kunsill jirċievi risposta pożittiva sal-20 ta' Frar 2017, jagħmel konferenza stampa dwar din il-materja sabiex din il-qagħda tiġi fuq livell nazzjonali bil-għan li tinsab soluzzjoni xierqa.

80.4.7 *One way sign except for residents and to render a service* – Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li fl-aħħar il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tat-TM dwar dan u jittama li r-

residenti ta' din il-parti tat-triq ikunu jistgħu jidħlu u jħallu djarhom b'mod aktar sigur u li kull min ikun jgħaddi minn din it-triq jiffaċċja anqas periklu mit-traffiku.

80.4.8 *Bollards/U Bars* mal-bankini fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li TM rrifjutat li tagħti l-permess. It-talba tal-Kunsill dwar l-*intelligent traffic lighting* (għal din iż-żona) għadu pendenti għand it-TM.

## 80.5.0 Rapporti

80.5.1 Romeo Baldacchino

a. Is-Sur Baldacchino qal li tpoġġew 3 *clothing banks* f'dawn l-inħawi: waħda ħdejn l-Iskola Primarja, oħra f'Tax-Xlejli u oħra l-*housing estate* Tal-Mitħna. Is-Sur Baldacchino qal li dawn kienu suċċess u qegħdin jintużaw sewwa.

b. Qlugħ ta' siġar (arbuxxell) ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jitlob lill-ELC sabiex din tinqala' u flokha titpoġġa xi siġra oħra li tixraq fl-inħawi.

c. Ċangatura madwar Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li kienu qed jaslulu ilmenti li din iċ-ċangatura qed tiżloq u l-Kunsill għandu jieħu passi sabiex terġa' titnaddaf u jitneħħa ż-żliq malajr kemm jista' jkun.

   Is-Sindku wieġeb li sejjer jieħu passi bil-ħaddiema tal-Kunsill mill-aktar fis possibbli.

80.5.2 Mark Anthony Sammut

a. *Yellow line* fi Triq iż-Żebbuġa. Is-Sur Sammut qal li ġie infurmat li sar *yellow line* u staqsa min għamel dan. Is-Sindku wieġeb li kien il-Kunsill peress li kien hemm problema dwar l-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sur Sammut qal li l-ebda spazju ta' possibilità ta' parkeġġ ma għandu jintilef u għalhekk il-Kunsill għandu jara flimkien mat-TM dwar possibilità li dan il-*yellow line* jkun aqsar u li jsiru spazji għal parkeġġ wieħed jew tnejn għal muturi. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

80.5.3 Stefan Caruana

a. Problema ta' immaniġġjar ta' traffiku fi Triq iż-Żebbuġa ma' Triq San Mark. Is-Sur Caruana qal li fil-parti ta' din it-triq fejn tidjiq u terġa' tinfetaħ qed tinħoloq problema fejn jieqaf it-traffiku. Is-Sur Caruana qal li għandha ssir valutazzjoni tal-inħawi sabiex tiġi solvuta din il-problema kostanti.

   Is-Sur Caruana qal li ma kienx qed jitlob li jiżdied il-parkeġġ peress li dan jista' joħloq aktar problema f'dawn l-inħawi iżda *double yellow lines* ċari sabiex it-traffiku jkun jista' jimxi b'mod liberu.

b. Dawl fi trejqa fi Triq Fildloqqom. Is-Sur Caruana qal li din il-parti tat-triq hija mudlama u hemm bżonn lampa. Is-Sur Caruana qal li din il-problema tqajmet drabi oħra u jixtieq li jittieħdu passi. Is-Sindku wieġeb li din it-talba kienet diġà saret lill-kuntrattur u kien sejjer jinsisti li jinkiseb progress dwar dan.

c. Binja mitluqa fi Triq San Ċiru li qed toħloq inkonvenjent serju sew bħala nuqqas ta' bankina li toħloq problema għal min ikun għaddej minn din it-triq. Is-Sur Caruana

qal li meta twaqqa' l-bini li kien hemm u telgħat l-istruttura ġdida ta' dan il-bini li issa jinsab mitluq, tneħħiet ukoll bankina li kienet addattata għal persuni li jgħaddu bir-riġel mit-triq. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA dwar dan għaliex il-qagħda preżenti hija kemm ta' inkonvenjent kif ukoll periklu.

Is-Sur Caruana qal li l-istruttura barra milli hija mitluqa għal xi snin u tagħmel ferm ikrah għall-qalba tal-Gudja, hija wkoll isservi ta' miżbla għalkemm hemm ċint mdawwar.

Is-Sindku żied ukoll illi l-iżviluppaturi għad għandhom ukoll iħallsu lill-Kunsill madwar €1000.00 għal tqegħid ta' krejn fi Triq Bettina meta kien qed jittella' l-bini.

Il-Kunsill qabel li jitlob lill-PA kif ukoll lill-ERA kif ikun il-każ sabiex il-qagħda tmur għall-aħjar u jitneħħa r-riskju u kull inkonvenjent.

d. Mina fit-tarf ta' Triq il-Lebbien li tagħti għal Triq il-Kbira. Is-Sur Caruana qal li ġie infurmat li fl-inħawi sar xogħol ta' *patching* mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sur Caruana qal li meta kien hemm diskussjoni dwar jekk din il-mina hijiex pubblika jew privata kien hemm nuqqas ta' qbil dwar dan għalkemm fil-fehma tiegħu din hija parti minn triq pubblika.

   Jekk hija triq privata għalhekk huwa s-sid li jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li jaf li din l-*area* tat-triq hija ta' ċertu wieħed Joey ta' Ħal Għaxaq u kien sejjer jikseb l-indirizz tiegħu sabiex jara dwar dak li huwa meħtieġ.

   Is-Sur Caruana qal li fil-qagħda preżenti l-Kunsill għandu jara li jerġa' jikseb kull informazzjoni pertinenti u possibbilment dokumentata u jippjana sewwa dwar ir-restawr tal-mina qabel ikun tard wisq kif ukoll li jsir xogħol sewwa kif meħtieġ sabiex ikompli l-aċċess pubbliku minn Triq il-Lebbien għal Triq il-Kbira.

e. Triq Sta Katarina u Triq iż-Żebbuġa (mit-tarf ta' ħdejn l-iskola sa Triq il-Kbira 'l isfel mis-sala parrokkjali sat-tarf tal-Knisja). Is-Sur Caruana qal li huwa meħtieġ li l-Kunsill jaħdem dwar dawn it-toroq fil-qalba tar-raħal u jeħtiġilhom xogħol sewwa li jkun jaqbel ukoll mal-ambjent. Is-Sindku wieġeb li għal din is-sena l-Kunsill għandu jaħdem sabiex isir ix-xogħol fi Triq iż-Żebbuġa. Il-Kunsill jara li jikseb ukoll fondi anke mill-UIF. Dan ix-xogħol għandu jitlesta qabel il-15 t'Awwissu 2017 (festa ta' Santa Marija). Wara dan il-Kunsill jikkonsidra x-xogħol fi Triq Sta Katarina, Triq id-Dejqa u Triq Joseph Pace mill-baġit tas-sena 2018. Dwar il-mina, jekk jirriżulta li din taqa' taħt il-Kunsill dan ix-xogħol jista' jsir din is-sena 2017 skont kif jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

80.5.4 Sarah Camilleri

a. Ħidma tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ – attività dwar l-anzjani. Is-Sa. Camilleri qalet għal Jum San Valentinu l-Kunsill qed jippjana li jagħmel żjajjar lill–anzjani fi djarhom u jagħtuhom xi frotta jew xi ħaġa oħra addattata għall-okkażjoni. Il-Kunsill qabel li din hija inizjattiva ta' min ifaħħarha u qabel li jagħti kull għajnuna lil Kunsill taż-Żgħażagħ f'din l-okkażjoni sabiex tkun ta' suċċess.

**NOTA** Is-Sur Baldacchino ħareġ mil-laqgħa fis-7.37pm

## 80.6.0 Estimi Finanzjarji 2017

80.6.1 Din it-tema ġiet diskussa u approvata fil-laqgħa annwali tal-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017

## 80.7.0 Rapport Amministrattiv 2016, Pjan ta' Ħidma u materjal ieħor relatat mal-laqgħa pubblika

80.7.1 Din it-tema ġiet diskussa u ġew approvati fil-laqgħa annwali tal-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017

## 80.8.0 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

80.8.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 39/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Kunsillier Mark Anthony Sammut għall-ammont totali ta' €28,787.24. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha dak il-ħin preżenti.

## 80.9.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

80.9.1 Xiri u Xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li jagħmel il-finanzjament tax-xogħlijiet kif approvati aktar 'il fuq waqt din il-laqgħa.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' 70 xkora *cold asphalt* bis-*sealer* relattiv miegħu sabiex ikompli jsir ix-xogħol ta' *patching* fejn ikun meħtieġ.

80.9.2 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.46pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulati għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |